**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Wayne Zahra**

**Okkorrenza: 1/POL/1673/2023 u 1/POL/2130/2023**

**Kawża Numru: 184/24**

**Illum it-13 ta' Jannar, 2025**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Wayne Zahra**, li jirrisjedi fil-fond 149, Triq il-Karmnu Fgura, mwieled nhar il-21 t'Ottubru 1981 u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 181594M talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur ta' **Mejju 2023 u Ġunju 2023** meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt inqast li tagħti lil **Marija Zahra** u / jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u / jew għall-ulied fi żmien 15-il jum min dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

Rat li l-kawża odjerna nstemgħet kontestwalment ma' tnax (12) il-kawża oħra fl-istess ismijiet bir-referenza 1/POL/3663/2023, 1/POL/4058/2023, 1/POL/1288/2024, 1/POL/913/2024, 1/POL/3320/2023, 1/POL/3111/2022, 1/POL/2059/2022, 1/POL/3784/2022, 1/POL/525/2023, 1/POL/2445/2023, 1/POL/2885/2023, 1/POL/542/2024 u 1/POL/2120/2024 kif jirriżulta mill-verbal ta' nhar il-21 t'Ottubru 2024 u għalhekk il-provi esebiti għandhom jagħmlu prova għall-kawżi kollha msemmija[1];

Rat li din il-Qorti ordnat li d-dokumentazzjoni esebita mill-*parte civile* waqt ix-xhieda tagħha tal-21 t'Ottubru 2024 se tkun prova għall-kawżi kollha fl-ismijiet premessi u li nstemgħu kontestwalment kif imsemmi fil-paragrafu preċedenti;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament:

1. Affidavit ta' **PC 183 Matthias Dalli**[2] u li permezz tiegħu jiddikjara li nhar is-17 ta' Mejju 2023 Marija Zahra rraportat fl-għassa tal-Belt Valletta fuq nuqqas ta' ħlas ta' manteniment relattiv għax-xahar ta' Mejju 2023. Talab lill-kwerelanta l-kuntratt tal-manteniment minn fejn jirriżulta li l-ammont hu dak ta' mitt Euro (€100) fix-xahar flimkien mal-għoli tal-ħajja u li tali manteniment hu dovut kull l-ewwel tax-xahar. Għamel kuntatt mal-għassa tal-Fgura b'dan li talabhom jagħmlu *letter to call* iżda Wayne Zahra ma rrapportax l-Għassa tal-Belt Valletta u għalhekk inħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu;

2. Affidavit ta' **PC 2432 R. Fava**[3] li permezz tiegħu jiddikjara li nhar is-16 ta' Ġunju 2023 Marija Zahra stqarret li riedet tagħmel rapport fuq nuqqas ta' ħlas ta' manteniment *stante* li skond kuntratt 3532/2018 Publikat min-Nutar Dr. Maria Micallef fl-ewwel ta' kull xahar Wayne Zahra (l-ex raġel tagħha) għandu jħallas is-somma ta' mitt Euro (€100) flimkien mal-għoli tal-ħajja li skond hi jammonta għal mija u għoxrin Euro (€120) bħala manteniment iżda naqas li jħallas il-

[1] **Il-Pulizija vs. Manuel Gouder** (Appell numru 349/2021) deċiża nhar it-23 ta' Novembru 2021 mill-Qorti tal-Appell Kriminali
[2] Ara a fol 2 tal-proċess
[3] Ara a fol 4 *et seq* tal-proċess

manteniment dovut għax-xahar ta' Ġunju 2023. Saru diversi tentattivi ta' komunikazzjoni ma' Wayne Zahra permezz tat-*telephone* u anke b'*letter to call* iżda kull tentattiv irriżulta fin-negattiv u għaldaqstant ħarġu l-akkużi fil-konfront ta' Wayne Zahra;

3. Okkorrenza 1/POL/1673/2023 datata s-17 ta' Mejju 2023[4];

4. Okkorrenza 1/POL/2130/2023 datata l-20 ta' Ġunju 2023[5];

5. Vera Kopja ta' Kuntratt Pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dr. Maria Micallef datat is-26 ta' Jannar 2018[6];

6. Korrispondenza permezz t'*emails* preżentati mill-Spettur Charlotte Curmi[7];

Semgħet ix-xhieda ta' **Marija Zahra**[8] tgħid li ilu ma jitħallas manteniment għal binha Wayne Carl minn Ġunju 2022. Tispjega li kienet tipprova tagħmel kuntatt miegħu iżda kien jgħidilha li ma jimpurtahx u li ma jridx imantni u għalhekk bdiet tagħmel ir-rapporti skond id-data. Tikkonferma li l-aħħar pagament li sar kien f'Mejju 2022. Il-pagamenti daqqa kienu jkunu fi flus kontanti *tramite* l-*partner* tagħha jew kien jagħmel *invoice book* u kien jiffirma bħala riċevuta. Tibbaża l-pretensjoni tagħha fuq kuntratt pubbliku li tippreżenta in atti[9] u filwaqt li terġa' tikkonferma li għandu jagħti manteniment minn Ġunju 2022 ssemmi wkoll l-għoli tal-ħajja u li dawn huma dovuti kull l-ewwel jum tax-xahar. Tispjega wkoll li għalkemm tagħtu l-*IBAN number* biex il-pagament isir permezz ta' trasferiment bankarju, kien jgħidilha li tilfu u għalhekk tgħid li "***qisu qatt ma kien in point li jtihomli fid-data***". In kontro-eżami tikkonferma li l-manteniment dovut hu minn Ġunju

[4] Ara a fol 6 *et seq* tal-proċess
[5] Ara a fol 8 *et seq* tal-proċess
[6] Ara Dok. MM1 a fol 28 *et seq* tal-proċess bir-referenza 7220/22 u l-okkorrenza 1/POL/2059/2022 li ġie esebit mill-*parte civile* (bħala d-dokument preċiż li ġie esebit) u kopja tal-istess ġiet inserita fl-atti tal-kawża odjerna a fol 27 *et seq* tal-proċess odjern
[7] Ara Dok. CC1 a fol 48 tal-proċess
[8] Ara x-xhieda tagħha ta' nhar il-21 t'Ottubru 2024 a fol 21 *et seq* tal-proċess
[9] Ara Dok. MM1 a fol 28 *et seq* tal-proċess bir-referenza 7220/22 u l-okkorrenza 1/POL/2059/2022 li ġie esebit mill-*parte civile* (bħala d-dokument preċiż li ġie esebit) u kopja tal-istess ġiet inserita fl-atti tal-kawża odjerna a fol 27 *et seq* tal-proċess odjern

2022 sax-xahar li fih tat ix-xhieda tagħha (Ottubru 2024). Mistoqsija jekk kienx hemm drabi fejn is-Sur Zahra kienx iħallas aktar mis-somma ta' mitt Euro (€100) fix-xahar u s-suġġeriment li kien hemm drabi fejn ħallas anke mija u ħamsin Euro (€150) ix-xhud tgħid li mija u ħamsin Euro (€150) żgur li le għalkemm tikkonferma li ġieli ħallas is-somma ta' mija u għoxrin Euro (€120) biex ikopri l-għoli tal-ħajja iżda żżid tgħid li "***jekk tahomli erba' darbiet....***" imma dan kollu qabel Ġunju 2022. Tgħid ukoll li kien hemm perjodu żgħir fejn Wayne kien jaħdem u l-imgħallem tiegħu Adolf ħallas xi manteniment permezz ta' ċekkijiet pero' għal darb'oħra tikkonferma li dawn kienu qabel Ġunju 2022.

Semgħet ix-xhieda tal-imputat **Wayne Zahra**[10] li jgħid li għamel pagamenti lill-*parte civile* permezz ta' ċekk li kien iżomm kopja tagħhom fl-uffiċċju. Mistoqsi ta' kemm kienu jkunu ċ-ċekkijiet jgħid li "***Ġieli kienet tgħidli tini xiħaġa oħra naqbad nagħmilulha, tini hekk, nagħmilulha...***" u għalhekk jikkontendi li kien iħallas aktar mill-mitt Euro (€100) li suppost iħallas. Jiddikjara wkoll li lil dan it-tifel ma jarahx għax iċċaħdu minnu u jżid jgħid li "***għalhekk waqqaftulha l-manteniment***". Mistoqsi direttament mill-Qorti meta waqqfilha tali manteniment l-imputat jgħid li "***Issa dan riċenti....aw dan it-tlettax il-manteniment***" u għalhekk mistoqsi allura jekk hux jammetti li l-manteniment mhux imħallas, l-imputat jgħid li "***le mħallsin imma issa ma tajtulhiex għax irrid nagħmel id-DNA test***". Jerġa' jiddikjara li "***dan l-aħħar waqqaftu l-manteniment mhux qed intiha xejn***" u għalhekk jiġi mistoqsi jekk 'b'dan l-aħħar' hux qiegħed jirreferi għat-13 -il kawża li nstemgħu kontestwalment u jgħid li "***hemm minnhom imħallsin dawk – hemm l-irċevuti***". Jsemmi lil Adolf Baldacchino li kien jagħmlilha ċ-ċekkijiet u li kopja tagħhom kienet tinżamm fl-uffiċċju. Mistoqsi kemm kienu jkunu l-ammonti ta' dawn iċ-ċekkijiet u jekk kienux dejjem ta' mitt Euro l-imputat jgħid "***Le x'mija le, u għoxrin, tletin, skond kemm, jekk tgħidli tini five oħra għax five Euro jiħodli biex insarraf iċ-ċekk***"...b'dan li jgħid ukoll li anke ċekk ta' mija u ħamsin Euro (€150) kien hemm. Iżid jgħid li kważi mill-bidu l-ammont mgħoddi kien ikun t'aktar minn mitt Euro (€100). Apparti l-imsemmi Adolf Baldacchino li kien joħroġlu ċ-ċekkijiet sabiex jitħallas il-manteniment kien hemm ukoll ċekkijiet maħruġa minn Anton Bartolo biex ikollu prova tal-ħlas. Mistoqsi allura x'inhu jikkontendi fuq il-ħlasijiet tat-13 -il kawża li nstemgħu kontestwalment l-imputat jgħid li

[10] Ara x-xhieda tiegħu ta' nhar il-21 t'Ottubru 2024 a fol 38 *et seq* tal-proċess

dawn imħallsin għalkemm in kontro-eżami jgħid li ħallas ħafna minnhom. Mistoqsi in kontro-eżami jekk hux minnu li l-manteniment kien diġa' ġie mwaqqaf minnu meta daħal il-ħabs tliet (3) xhur qabel tali xhieda l-imputat jgħid li kien hemm żmien wieqaf xi xahrejn mix-xogħol għax dejjem dieħel u ħiereġ l-isptar b'*chest pain* u sabulu wkoll *slip disc* u ma kienx qiegħed jaħdem.

L-imputat bil-ġurament tiegħu jgħid ukoll li ser jitla' Adolf Baldacchino jixhed pero' l-Qorti nfurmatu li jekk ix-xhud ma kienx lest li jixhed fl-istess ġurnata, l-kawża kienet ser tmur għas-sentenza peress li sommarja. L-imputat jargumenta li jista' jċempel biss persuna waħda mill-ħabs li hu l-kuġin tiegħu iżda l-Qorti fakkritu li għandu aċċess għall-avukat li l-istess imputat jikkonferma. F'dan il-kuntest kollu l-Spettur Charlotte Curmi tippreżenta korrispondenza mal-Maġġur Christopher Lautier li tikkonferma li l-imputat kien jaf bid-data tas-seduta u li ma kien ser jiġi milqugħ ebda differiment ieħor[11]. Din il-Qorti tagħmel referenza għad-Digriet tagħha tat-3 t'Ottubru 2024[12] u li permezz tiegħu hemm dikjarat bl-aktar mod skjett li l-imputat għandu jattendi u jaċċerta ruħu li jkun legalment assistit u li m'hijiex ser tilqa' differiment ieħor fil-kawża odjerna.
Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri;

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Legali</u>**

L-ewwel akkuża li biha hu mixli l-imputat fil-kawża ojderna u ċioe' li naqas milli jħallas manteniment lil Marija Zahra għax-xhur ta' Mejju 2023 u Ġunju 2023 tinkwadra ruħha taħt l-Artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

[11] Ara Dok. CC1 a fol 48 tal-proċess
[12] Ara a fol 18 tal-proċess

“***Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min.... meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbutb'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-sommaffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma***”.

Skond l-istess akkuża, tali reat jinkwadra ruħu wkoll taħt l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

“***Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, ujkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi***”.

Il-Qorti tara li in atti ġiet esebita Kopja ta' Kuntratt Pubbliku datat is-26 ta' Jannar 2018 fl-Atti tan-Nutar Maria Micallef[13] u li permezz tiegħu l-parti leża tikkontendi li kellha dritt għall-manteniment ta' binha. Jibda biex jingħad li l-imsemmi kuntratt ġie kkonfermat bħala ‘Vera Kopja tal-Oriġinal' minn Dr. Lennox Vella – avukat li naturalment mhux l-awtur tal-kuntratt u d-dokument li fuqu qed tistrieħ il-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti għalhekk trid tiddeċiedi jekk il-kopja tal-kuntratt esebit mill-*parte civile* u li għandu jagħmel prova għall-kawża odjerna jissodisfax il-kriterju tal-aqwa prova li hu rekwiżit fi proċeduri Kriminali.

Din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Justin Chetcuti**[14] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Lulju, 2020 fejn saret referenza għall-kawża deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-

[13] Ara Dok. MM1 a fol 28 *et seq* tal-proċess bir-referenza 7220/22 u l-okkorrenza 1/POL/2059/2022 li ġie esebit mill-*parte civile* (bħala d-dokument preċiż li ġie esebit) u kopja tal-istess ġiet inserita fl-atti tal-kawża odjerna a fol 27 *et seq* tal-proċess odjern
[14] Appell Nru: 13/2020

ismijiet **Il-Pulizija vs Charlton Caruana** deċiża fit-8 ta' Lulju 2019 mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke (illum elevata għal Imħallef) fejn intqal hekk:

'***Huwa prinċipju ben stabbilit li fil-kamp penali għandha titressaq l-aħjar prova, għalhekk kull dokument, mhux fil-forma oriġinali, irid ikun awtentikat minn persuna kompetenti, altrimenti ma jissodisfax il-kriterju tal-aħjar prova. Illi dan il-prinċipju huwa ben assodat fil-ġurisprudenza tagħna. Fis-sentenza mogħtija fil-kawża Il-Pulizija vs Concetta Charles il-Qorti tal-Appell Kriminali*[15]*, skartat fotokopji bħala prova proprju għaliex mhux awtentikati; dik il-Qorti qalet hekk: "Ma hemmx dubbju illi d-dokumenti mhux awtentikati provduti mill-appellant, għal dak li jirrigwarda fotokopji, ma jistgħux jiġu aċċettati bħala prova minn din il-Qorti". Illi għalhekk dawk id-dokumenti kollha li huma fotokopja mhux awtentikata ma jistawx jingħataw piż probatorju stante li mhumiex l-aħjar prova***"[16].

Isegwi li l-Qorti trid tiddeċiedi jekk il-kopja tad-dokument esebit in atti setgħetx tiġi ddikjarata bħala 'Vera Kopja' minn Avukat (*stante* li dawn huma proċeduri Kriminali) jew jekk kellux jiġi esebit 'Kopja Legali' tal-istess Kuntratt jew 'Vera Kopja' ffirmata mill-istess imsemmi Nutar biex b'hekk ikun l-istess Nutar li jagħti lid-dokument il-qawwa probatorja li trid il-liġi. Naturalment dan qiegħed jingħad in vista tal-fatt li n-Nutar ma tressqitx bħala xhud biex tikkonferma l-awtentiċita' tal-kopja esebita in atti. Issir referenza wkoll għall-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jean Paul Chetcuti**[17] fejn ġie ritenut is-segwenti:

"***Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jressqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:***

---

[15] Deċiża fis-27 ta' Frar 2012.

[16] Ara **Il-Pulizija vs Daphne-Anne Vella** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 t' Ottubru 2019 deċiża mill- Onr. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja

[17] Appell Nru: 88/2021 deċiż fit-30 ta' Settembru, 2021

***Huwa prinċipju fondamentali fil-proċess kriminali li l-liġi tesiġi li kull min jrid jipprova xi ħaġa, għandu jressaq l-aħjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-aħjar prova mhiex disponibbli***".

Dan allura jfisser li l-Prosekuzzjoni tkun tista' tressaq prova li m'hijiex l-aqwa prova meta din tal-aħħar ma tkunx disponibbli u allura tkun kostretta li tressaq l-aħjar prova disponibbli. Fil-kawża odjerna l-Prosekuzzjoni fl-ebda ħin ma qajmet l-argument li ma kellhiex il-possibilita' li tressaq l-aqwa prova jew li l-aqwa prova m'hijiex disponibbli. Ma kien hemm xejn xi jxekkel lill-istess Prosekuzzjoni milli tesebixxi kopja legali tal-kuntratt li fuqu jdur il-mertu tal-istess kawża u fuq kollox ma kien hemm xejn xi jxekkel lanqas lill-istess Prosekuzzjoni milli tressaq lin-Nutar Maria Micallef bħala xhud biex tikkonferma l-istess kuntratt. Minn dan ma sar xejn u tressqet biss prova li tista' tissejjaħ bħala *second* jew *third best* għaliex hija fotokopja li hi dikjarata 'Vera Kopja' minn Avukat u mhux mill-awtur tal-istess dokument.

Fil-kawża odjerna jirriżulta li kien Avukat li ddikjara li l-kuntratt esebit hu 'Vera Kopja' pero' tali dikjarazzjoni ma ġietx mill-awtriċi nnifisha tal-istess dokument u ċioe' n-Nutar Maria Micallef f'dan il-każ. Din il-Qorti għandha quddiemha kopja ta' kuntratt li ġiet dikjarata bħala 'Vera Kopja' minn persuna li ma kienx hu li ppublika l-istess kuntratt u li naturalment ma kienx l-awtur tiegħu. F'Kamp ċivili, l-firma tal-Avukat bħala 'Veru Kopja' jew '*Certified True Copy of the Original*' kienet tkun biżżejjed pero' fil-Kamp Kriminali fejn l-oneru tal-prova hu dak l-ogħla possibbli, l-Prosekuzzjoni kellha neċessarjament jew tippreżenta Kopja Legali tal-istess Kuntratt (biex b'hekk tkun l-istess awtriċi tiegħu u ċioe' n-Nutar Maria Micallef li tagħtih il-piż probatorju) jew li l-istess Nutar tikkonferma bil-ġurament il-kopja tal-istess Kuntratt pubblikat minnha li ġiet esebita bħala 'Vera Kopja'.

Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza u fid-dawl tal-fatt li l-prova reġina li kellha tressaq il-Prosekuzzjoni u ċioe' d-dokument minn fejn jemani l-obbligu li jitħallas il-manteniment ma jistax jingħata piż probatorju *stante* li mhux l-aħjar prova, din l-istess Qorti tara allura li l-każ tal-Prosekuzzjoni kwantu għall-ewwel akkuża jisfaxxa fix-xejn għaliex hu mankanti mill-prova essenzjali li fuqu din il-Qorti trid tiddeċiedi.

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta **ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi hekk kif miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**